

# PAJJIŻ TA' OPPORTUNITAJIET

Jien nagħżel Malta.

PROGRAMM ELETTORALI
GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

2017



# WERREJ


Sehem akbar għaż-żgħażagħ fil-ħajja pubblika ..... 4

Libertajiet ċivili usa’ fl-oqsma diġitali u tal-informazzjoni ..... 5

Opportunitajiet ġodda ..... 6

Inċentivi biex noħolqu impjiegi ta’ kwalità ..... 7

Nirrikonoxxu l-enerġija u l-inizjattiva żagħżugħa ..... 8

Inizjattivi kulturali: identità żagħżugħa għal pajjiżna ..... 9

L-ilsien Malti, ilsien żagħżugħ ..... 11

Spirtu żagħżugħ għat-tul: l-isport ..... 12

Inizjattivi biex inħaffu kull tip ta’ trasport ..... 15

Ħajja b’saħħitha ..... 16

Dipendenzi: trattament uman u dinjituż lill-vittmi ..... 17

Ġustizzja għaż-żgħażagħ li tiffoka fuq il-prevenzjoni ..... 19

# IRRIDU LIŻ-ŻGĦAŻAGĦ FIL-QALBA TAS-SOĊJETÀ TAGĦNA



**Id-dar tagħna, b'żgħażagħ u tfal ta' 20 sena, 17-il sena u 10 snin, dejjem ikollna ħafna żgħażagħ ġejjin u sejrin.**

Dan il-programm elettorali għaż-żgħażagħ, għalhekk, hu għal qalbi ħafna. Hu għal qalbi, anki għaliex ma nkitibx minn xi ħadd ta' mezz'età fuq xi skrivanija, imma miż-żgħażagħ infushom. Ħafna żgħażagħ fl-aħħar tliet snin ikkuntattjawna u tawna l-ideat tagħhom dwar it-tip ta' pajjiż li jixtiequ jgħixu fih.

Issa, mhux biss qed inressqu 'l quddiem dawn il-proposti, imma qed nittrattawhom bl-importanza mistħoqqa billi qed nippubblikawhom fi programm elettorali separat għaż-żgħażagħ u li jorbotna daqs il-Programm Elettorali ewlieni.

Dawn il-proposti jirriflettu l-viżjoni tagħna għal Malta vibranti: irridu li ż-żgħażagħ minn kull qasam ikunu fil-qalba tas-soċjetà tagħna. Irridu li jkunu aktar fuq quddiem fil-ħajja pubblika. Ma rridux liż-żgħażagħ passivi jilqgħu d-deċiżjonijiet ta' ħaddieħor, imma rriduhom parteċipanti attivi biex jaħtfu l-opportunitajiet akbar li jeħtieġ ikollhom f'Malta, fl-Ewropa u fid-dinja.

Dan hu għaliex jiena nemmen bis-sħiħ fl-e-Demokrazija – triq ġdida 'l quddiem fil-mod kif nagħmlu l-politika, u għaliex f'dan il-programm għandna proposti wkoll dwar id-drittijiet diġitali. Irrid ukoll liż-żgħażagħ igawdu l-aħjar mezzi biex jiżviluppaw f'adulti responsabbli, u għalhekk il-pożizzjonijiet sodi li qed nieħdu favur il-libertajiet ċivili, kontra l-abbuż tas-sustanzi u favur l-isport.

Pajjiżna jeħtieġ bidla fil-mod kif jagħmel il-politika. L-impenn tiegħi maż-żgħażagħ hu li naqilbu l-folja tal-korruzzjoni kbira ta' bħalissa u niktbu paġna ġdida u nadifa.

Din hi l-missjoni tiegħi: li l-politika ma sservix lili, imma sservi lilek.

**Dan hu għaliex Jien Nagħżel Malta u nħeġġek tagħmel l-istess.**



Simon Busuttil
Kap tal-Partit Nazzjonalista



# POLITIKA ŻAGĦŻUGĦA GĦALL-ĦAFNA MHUX GĦALL-FTIT

**Il-passat inħarsu lejh u nitgħallmu minnu. Iservina ta' bir bla qiegħ ta' tagħlim u tagħlimiet, biex it-tajjeb nisiltuh u nibnu fuqu, filwaqt li l-ħażin nitgħallmu minnu u nwarrbuh fid-deċiżjonijiet li għad irridu nieħdu.**

Fil-passat iggvernaw partiti fil-Parlament. Issa qed nipproponulkom li tiggverna Forza Nazzjonali ta' Maltin u Għawdxin biex flimkien, spalla ma' spalla, mill-kbir saż-żgħir, imma bikom iż-żgħażagħ bħala l-mutur ewlieni li jenerġizza din il-Forza, nagħtu lil pajjiżna dik it-tmexxija żagħżugħa ta' dejjem, mimlija ħerqa, ħeġġa u għatx għal dak li huwa sew għal kulħadd u mhux għall-ftit, u matul il-ħajja kollha u mhux tul biċċa minnha.

Il-Partit Demokratiku nħoloq biex iservi ta' strument għalikom biex permezz tiegħu intom tippjanaw, timplimentaw u twettqu l-futur tagħkom, filwaqt li tgħixu preżent kreattiv, innovattiv u ambizzjuż fil-kunfidenza li kulħadd jista' jasal fil-qasam li huwa kapaċi, u jasal bil-ħila tiegħu, u għax ikollu Gvern li jneħħilu t-tfixkil filwaqt li jipprovdilu s-sostenn mixtieq.

Il-Partit Demokratiku twieled biex iwaqqaf ħesrem il-bejgħ bla ħniena tal-futur tagħkom. Twaqqaf ukoll biex jifirxilkom it-tapit għal triq ġdida fil-politika Maltija. Din it-triq għandha tpoġġi lilkom bħala l-kreaturi tal-istorja ta' pajjiżna u mhux biss l-osservaturi.

Il-preżent u l-futur ta' pajjiżna jinsabu f'idejkom.

Se tkunu qed tagħżlu bejn suċċess fit-tul ibbażat fuq il-ħila, ix-xogħol u l-unur, jew il-bejgħ bla rażan u bla rispett tal-futur tagħkom biex igawdu l-ftit minn fuqkom ilkoll.

**Inħalli f'idejkom.**
**Għandi fiduċja sħiħa fikom.**



Marlene Farrugia
Kap tal-Partit Demokratiku



# SEHEM AKBAR GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ FIL-ĦAJJA PUBBLIKA

1. Nagħtu liż-żgħażagħ li għalqu s-16-il sena d-dritt li jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali, fl-elezzjonijiet ġenerali, fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u fir-referenda.

2. Nużaw pjattaformi tal-e-Democracy, kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll lokali, sabiex iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jaqsmu l-ideat tagħhom, jesprimu rwieħhom fuq l-ideat tal-oħrajn, u jipparteċipaw fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

3. Indaħħlu Open Data Policies fis-settur pubbliku sabiex l-informazzjoni pubblika tkun aċċessibbli faċilment.

4. Nidħlu f'diskussjonijiet mal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ sabiex insaħħu r-rwol u r-rilevanza tiegħu, u biex nipprovdulu riżorsi adegwati.

5. Inżidu r-riżorsi umani fl-Aġenzija Nazzjonali taż-Żgħażagħ.

6. Nikkonsolidaw il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ, u nsaħħu l-iskema ta' għotjiet relatati, sabiex nipprovdu aktar opportunitajiet għall-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-komunitajiet tagħhom u biex ngħinu lill-kunsilli lokali jimpjegaw ħaddiema żgħażagħ.

7. Nagħtu ċans liż-żgħażagħ impjegati mas-settur pubbliku li jaħdmu mal-volontarjat. Ninċentivaw il-volontarjat biex nassiguraw aktar involviment tal-għaqdiet volontarji, inklużi dawk li jaħdmu fis-settur tal-arti, il-kultura, l-ambjent u l-isport.



# LIBERTAJIET ĊIVILI USA' FL-OQSMA DIĠITALI U TAL-INFORMAZZJONI

8. Ninvestu b'mod ferm aqwa fil-konnettività ta' pajjiżna, bil-mira li kulħadd f'Malta u Għawdex ikollu aċċess kontinwu għall-internet ultra-high speed. Inqisu l-aċċess għall-internet bħala dritt, jiġifieri li jkun dmir tal-Gvern jiżgura li familji żvantaġġati, speċjalment iż-żgħażagħ, ikollhom aċċess għall-internet, anke minħabba r-rabta intima bejn l-internet u d-dinja edukattiva tal-lum.

9. Inħarsu u mmexxu 'l quddiem drittijiet oħrajn diġitali f'pajjiżna, bħal:

   a) Id-dritt għall-aċċess għall-informazzjoni, jiġifieri li l-Istat ma jdaħħalx restrizzjonijiet fuq l-użu tal-internet li ma jkunux ġustifikabbli f'soċjetà moderna u demokratika.

   b) Id-dritt għal-libertà tat-tixrid tal-informazzjoni, jiġifieri li ċ-ċittadin ikollu d-dritt li jxerred l-informazzjoni mingħajr indħil mill-Istat.

   ċ) Id-dritt għall-informational self-determination, jiġifieri d-dritt li jkun iċ-ċittadin innifsu li jiddeċiedi x'informazzjoni dwaru jqassam ma' terzi persuni, u dan ma jiddeċidihx ħaddieħor.

10. Niżguraw li l-libertà tal-espressjoni fuq il-media portals, inkluż il-media soċjali, websites personali u artikli ta' opinjoni, tkun protetta bil-liġi. Dan ikun jinkludi r-rispett sħiħ għad-dritt li l-ġurnalisti jipprattikaw il-professjoni tagħhom mingħajr xkiel u niddefendu d-dritt tagħhom li ma jiżvelawx is-sorsi tagħhom.

11. Naħdmu biex nilħqu ambjent veru ta' net neutrality, li mhux biss jirrifletti inizjattivi regolatorji Ewropej u internazzjonali, imma wkoll li jassigura li d-drittijiet diġitali tagħna ma jkunu mxekkla minn ebda diskriminazzjoni.



> *“Biex iż-żgħażagħ igawdu mill-pagi tajbin ta’ dawn l-industrji ġodda”*

## OPPORTUNITAJIET ĠODDA

12. Bħalma dejjem għamilna fil-passat, niftħu orizzonti ġodda għal pajjiżna – industriji ġodda, swieq ġodda, konnessjonijiet ġodda, ħiliet ġodda, opportunitajiet ġodda. Dawn jagħtu liż-żagħżagħ Maltin u Għawdxin possibilitajiet wesgħin biex jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom:

    a) Noħolqu 30,000 impjieg ġdid ta’ kwalità.

    b) Insaħħu u nagħtu enerġija ġdida lis-setturi ġodda li kkreajna f’amministrazzjonijiet passati, bħalma huma s-servizzi finanzjarji, il-gaming, l-avjazzjoni, il-farmaċewtika, ix-xjenzi tal-ħajja, il-manifattura avvanzata u l-loġistika.

    ċ) Nattiraw setturi ġodda lejn pajjiżna li jiftħu opportunitajiet għaż-żagħżagħ tagħna: il-Fintech, Digital Media, l-isport, Internet of Things, blockchain u crowdfunding, u nesploraw ukoll oħrajn bħal robotics, genomics, biotech u cybersecurity.

13. Nibnu settur ta’ intrapriża soċjali u nistabbilixxu lil Malta bħala ċentru internazzjonali li jattira headquarters ta’ charities, għaqdiet u NGOs internazzjonali.

14. Biex iż-żgħażagħ u l-ħaddiema Maltin u Għawdxin igawdu mill-pagi tajbin ta’ dawn l-industriji ġodda, insaħħu l-investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ f’kull livell u f’kull età, sa mill-etajiet l-aktar żgħar.




15. Ngħinu liż-żgħażagħ li jibdew start up permezz ta' garanzija fuq self li jkun ivarja bejn €25,000 u €250,000.

16. Nagħtu kreditu ta' taxxa lill-ħaddiema kollha li jkomplu l-edukazzjoni tagħhom f'istitut edukattiv jew f'qafas ta' programm akkreditat ta' studju skond l-ammont li jkunu ħallsu għal dawn l-istudji.

17. Nagħtu lil min iħaddem kreditu tat-taxxa li jkopri parti mis-salarju ta' impjegat li jkun qed isegwi programm akkreditat ta' taħriġ jew studju.

18. Neżentaw mit-taxxa l-profitti li jkunu għamlu fl-ewwel sena negozji li jkunu nbdew minn żgħażagħ bejn it-18 u t-23 sena.

19. Nirregolaw l-apprentistati u l-job placements biex nassiguraw livell għoli ta' taħriġ u kundizzjonijiet ta' xogħol xierqa. Nagħtu lill-apprentisti d-dritt għall-paga minima.

20. Inħeġġu esperjenzi prattiċi għaż-żgħażagħ fin-negozju u nipprovdu taħriġ għal entrepreneurial leadership lil persuni żgħażagħ li jkunu qed jiftħu negozju tagħhom.

21. Nagħmlu studju dwar l-iskills gap u noffru taħriġ biex nindirizzaw il-ħtiġiet ta' impjiegi speċjalizzati biex niżguraw li ż-żgħażagħ ikollhom aċċess għal impjiegi li jħallsu pagi aħjar.



# NIRRIKONOXXU L-ENERĠIJA U L-INIZJATTIVA TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

22. Inżidu l-fondi għall-ischolarships fil-livell ta' Master u Dottorat.

23. Inwaqqfu skema ta' boroż ta' studju għal studenti Maltin li jsegwu studji f'istituzzjonijiet privati mwaqqfa f'Malta.

24. Nagħtu għajnuna finanzjarja għall-istudji fil-livell MQF 6 (first degree) fejn dawn l-istudji ma jiġux ipprovduti f'Malta.

25. Nipprovdu inċentivi għal hackathons u start-up pitches f'Malta u nipprovdu fondi għall-parteċipazzjoni ta' timijiet Maltin f'attivitajiet simili barra minn Malta.

26. L-għotjiet li jagħmel il-Gvern lill-istudenti għal xi kors ta' studju jingħataw waqt li jkun għaddej il-kors, u mhux fl-aħħar meta l-istudent ikun iggradwa.

27. Indaħħlu Skills Cards għal żgħażagħ biex nirrikonoxxu l-edukazzjoni mhux-formali li jkunu akkwistaw matul l-involviment tagħhom fil-komunità.

28. Indaħħlu inċentivi biex negozji stabbiliti jgħinu l-istart-ups u jkollhom ir-rwol ta' sponsors, mentoring u li jagħtu għajnuna fl-aċċess għall-finanzi u business management skills.

29. Noffru iktar opportunitajiet ta' study leave għal dawk li huma impjegati full-time mas-servizz pubbliku u li qed jistudjaw fuq bażi part-time.



# INIZJATTIVI KULTURALI: IDENTITÀ ŻAGĦŻUGĦA GĦAL PAJJIŻNA

30. Nagħtu lil kull żagħżugħ u żagħżugħa bejn l-etajiet ta' 18 u 21 sena għotja biex ikunu jistgħu jżuru pajjiż Ewropew li jagħżlu huma. Jekk matul is-safra tagħhom isegwu kors ta' lingwa, l-għotja tiżdied biex tkopri l-ispejjeż marbutin mal-kors.

31. Nintroduċu skema ta' sena xogħol fil-volontarjat kemm f'Malta jew barra l-pajjiż f'setturi bħalma huma l-ambjent, is-social work, iż-żamma tal-paċi, u l-ħidma umanitarja. L-iskema jistgħu jużawha żgħażagħ li jkollhom sa 25 sena jew studenti sa tlett snin wara li jtemmu l-istudji tagħhom, u matul din is-sena jingħataw stipendju u jiġu akkreditati bil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

32. Nagħtu sapport lil artisti ġodda u stabbiliti fix-xena mużikali, tal-arti u tal-kultura, biex nippromwovu t-talent tagħhom lokalment u internazzjonalment.

33. Inniedu inċentivi finanzjarji biex ninkoraġġixxu lill-artisti ħalli jifthu negozju tagħhom u ntejbu l-aċċess għall-għotjiet tal-Kunsill Malti tal-Arti.

34. Inżidu l-opportunitajiet għall-kollaborazzjonijiet lokali u internazzjonali permezz ta' esperjenzi ta' mobilità għaż-żgħażagħ fis-settur kulturali u kreattiv.

35. Nagħtu għotjiet ħalli ngħinu ideat innovattivi li jippromovu l-identità kulturali Maltija u li jsaħħu l-prodott turistiku kulturali matul is-sena kollha.

36. Nirrevedu r-regolamenti eżistenti dwar id-DJs sabiex inneħħu l-ostakli li jsibu bħalissa u b'hekk nirrikonnoxxu t-talenti tagħhom u nsaħħu l-kontribut li jagħtu fil-qasam taż-żgħażagħ u tad-divertiment.

37. Nestendu l-ħinijiet tal-ftuħ tal-Librerija tal-Università sa tard billejl.

38. Nirrevedu r-regolamenti eżistenti dwar l-eliġibilità għall-cultural leave għal uffiċjali pubbliċi biex niffaċilitaw performances u touring barra minn Malta u nżidu t-tul massimu tal-cultural leave għal 15 ġurnata fis-sena.

> *"Ngħinu ideat innovattivi li jippromovu l-identità kulturali Maltija u l-prodott turistiku"*

39. Nirrevedu l-iskema ta' għotjiet eżistenti dwar ix-xiri ta' strumenti mużikali biex tinkludi wkoll tagħmir ancillari (amplifiers, speakers, eċċ.) kif ukoll ix-xiri ta' strumenti mużikali addizzjonali.

40. Nagħtu appoġġ għall-promozzjoni u l-iżvilupp tat-turiżmu mużikali u nippromovu lil Malta bħala ċentru għall-mużika u l-arti. Konxji mill-iżviluppi importanti li seħħew f'dan is-settur matul l-aħħar snin, inkluż fis-setturi tal-mużika elettronika, alternattiva u heavy metal, nikkommettu ruħna li:

    a) nintroduċu miżuri biex innaqqsu l-burokrazija li ttaqqal l-iżvilupp u l-vijabilità tas-settur;

    b) inniedu inizjattivi ta' fondi għal proposti innovattivi f'dan is-settur;

    ċ) wara konsultazzjoni mas-settur, nindirizzaw il-ħtiġiet u l-aspirazzjonijiet tal-protagonisti f'dan is-settur.



# L-ILSIEN MALTI, ILSIEN ŻAGĦŻUGĦ

41. Naħdmu mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti u mal-għaqdiet tal-Malti biex l-ilsien Malti insaħħuh bħala element ewlieni tal-identità u tal-komunikazzjoni f'pajjiżna.

42. Insaħħu l-ilsien Malti billi nakkwistaw id-drittijiet fuq spellchecker għal-lingwa tagħna u dan jingħata b'xejn lill-istudenti, lill-edukaturi u lil kull min jaħdem fis-settur pubbliku.

43. Nagħtu lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti uffiċini ġodda li jirriflettu r-rwol ċentrali tiegħu.

44. Il-Gvern u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti jaħdmu biex ixerrdu l-għarfien tal-Malti fost il-Maltin stess u fost il-barranin li llum hawn f'pajjiżna, kif ukoll fost il-Maltin li jgħixu barra.

45. Naraw li s-settur pubbliku jkun ta' eżempju fl-użu tal-ilsien Malti.

46. Naħdmu flimkien mal-pubblikaturi biex nippromwovu b'mod effettiv xogħlijiet lokali u nnaqsu l-VAT fuq l-e-books, e-newspapers u e-journals għal 5%. L-ispejjeż marbutin mar-riklamar ta' xogħlijiet ippubblikati lokalment jitqiesu bħala spiża li tista titnaqqas għal fini ta' taxxa.

47. Bi sħubija mal-pubblikaturi, nakkwistaw id-dritt legali għall-użu ta' ċerti pubblikazzjonijiet fis-sistema edukattiva.

48. Noffru appoġġ lil networks li jagħtu lill-kittieba Maltin l-opportunità li jidħlu f'authors' programmes fejn jingħataw l-ispazju, ir-riżorsi u ż-żmien biex isarrfu l-kreattività tagħhom.

49. Nassistu lil assoċjazzjonijiet ta' awturi, artisti u pubblikaturi biex jingħaqdu ma' networks ta' assoċjazzjonijiet simili Ewropej.



# SPIRTU ŻAGĦŻUGĦ GĦAT-TUL: L-ISPORT

50. Nagħmlu l-isport wieħed mis-setturi ġodda tal-ekonomija tagħna. Naraw li nilħqu livelli ta' eċċellenza waqt li ntejbu l-aċċess għal faċilitajiet sportivi għal kull settur tas-soċjetà tagħna biex inħajru dejjem aktar healthy lifestyle.

51. Inħejju pjan għat-tul sabiex nilħqu tliet miri li jpoġġu lil Malta fuq il-palk internazzjonali sportiv. Għalhekk, inressqu l-proposti biex Malta tospita:
    - Il-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar 2023,
    - il-Kapitali Ewropea tal-Isport 2024 u
    - il-Mediterranean Games 2025, li fihom jipparteċipaw 24 pajjiż mill-Mediterran kollu.

52. Din tkun opportunità mifruxa fuq diversi setturi u jkollha bżonn ukoll kunsens nazzjonali. Għalhekk, nimpenjaw irwieħna li dawn il-miri nqisuhom prijorità.

53. Niżviluppaw infrastruttura sportiva permanenti li tkun parti mill-wirt għat-tul tal-viżjoni tagħna f'dan is-settur. Niżviluppaw il-faċilitajiet f'erba' villaġġi sportivi f'dawn is-siti:
    - l-Universita' ta' Malta,
    - il-Marsa,
    - Ta' Qali u
    - Għawdex.

54. Naraw li kull villaġġ sportiv iġib flimkien diversi faċilitajiet ta' dixxiplini sportivi differenti.

55. Nibdlu Ta' Qali f'Leisure and Sports Village li jinkludi track ta' walking/jogging/cycling.

56. Inressqu quddiem il-Parlament tliet abbozzi dwar:
    - Liġi tal-isport;
    - Liġi kontra l-korruzzjoni fl-isport; u
    - Liġi dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' binjiet sportivi.

57. Nagħtu appoġġ lill-istudenti li huma attivi fl-elite sports, u fejn possibli nevitaw li l-eżamijiet, inkluż il-MATSEC, jaħbtu ma' attivitajiet sportivi internazzjonali. Noħolqu mudell ta' sports tutorship sabiex l-atleti jkun jista' jkollhom karriera doppja.

58. Ninkoraġġixxu l-isport fost il-persuni b'diżabilità, u naċċertaw li l-atletika paralimpika u l-għawm ikunu parti importanti mill-Mediterranean Games 2025. Nagħtu appoġġ għal dak li jissejjaħ modified sport, u ninkluduh fil-programmi nazzjonali tal-isport bħalma hu l-programm tas-sajf On the Move.

59. Sabiex intejbu s-saħħa pubblika, nagħtu spinta lis-settur sportiv biex nindirizzaw b'mod partikolari l-problemi tal-obeżità u d-dijabete. Dan nagħmluh b'għadd ta' inizjattivi, fosthom billi żoni pubbliċi ndawruhom fi spazji sportivi u rikreattivi.

60. Inżidu l-appoġġ lill-atleti u l-assoċjazzjonijiet sportivi biex nikkonsolidaw ir-riżultati li diġà lħaqna fuq livell internazzjonali u neħduhom lejn il-livell li jmiss.

61. Nagħtu appoġġ finanzjarju in kind lil organizzazzjonijiet u proġetti innovattivi li jkollhom fil-qofol tagħhom l-isport, it-tfal u l-valuri li jwasslu għal tibdil pożittiv fis-soċjetà. Ngħinu b'mod speċjali proġetti li jinkludu tfal vulnerabbli sabiex dawn itejbu l-valuri etiċi u l-leadership skills permezz ta' attivitajiet sportivi edukattivi.

62. Nagħtu appoġġ lill-clubs sportivi eżistenti biex jiżvolġu fi clubs multi-dixxiplinarji billi nagħtuhom inċentivi biex jinkludu tipi oħra ta' sport.

63. Nindirizzaw il-problemi li hemm fid-Direttiva dwar l-Armi rigward target shooting u nirrispettaw id-deċiżjoni li diġà ttieħdet biex issir shooting range f'Ta' Kandja.

64. Insaħħu l-użu tal-enerġija solari u nestendu l-benefiċċji u s-sussidji relatati mal-elettriku għal proġetti sportivi, b'mod partikolari biex il-pixxini jkunu msaħħna u biex jinxtegħlu impjanti sportivi.

65. Nagħmlu xogħlijiet infrastrutturali favur attivitajiet sportivi li ma jiġġenerawx dħul, bħax-xogħol ta' dredging fil-Menqa tal-Marsa għad-dilettanti tar-regatta u xogħlijiet biex intejbu l-aċċess għall-mollijiet li jintużaw għall-kompetizzjonijiet tas-sajd, ibburdjar, kayaking u canoeing.

66. Nibdew kampanja intensiva għas-sewwieqa tal-karozzi favur iċ-ċiklisti, intejbu s-sinjali fit-toroq u nesploraw l-opportunità li ssir cycling highway f'Ta' Qali sabiex nipprovdu faċilitajiet long distance sikuri għaċ-ċiklisti.

67. Nintroduċu skema bike to work li tkun tikkonsisti fi tnaqqis fit-taxxa ta' darba

għal kumpanniji li jipprovdu faċilitajiet tajbin bħal showers, changing rooms u parkeġġi tar-roti għall-impjegati tagħhom. Inżidu l-ispazji għall-parkeġġ tar-roti.

68. Insostnu lid-dilettanti tal-hillclimbing billi nipprovdu għajnuna finanzjarja biex intejbu l-korsa u l-faċilitajiet fl-Imtaħleb. Nipprovdu ambulanza u magna tat-tifi tan-nar waqt l-attivitajiet li jiġu organizzati.

69. Flimkien mal-Malta Motorsport Federation u strettament fil-qafas tal-policies ambjentali u tal-ippjanar, inkomplu l-proċess biex niżviluppaw race track għad-dilettanti tal-karozzi.

70. Ninvestu f'faċilitajiet moderni għall-futsal sabiex niżviluppaw dan l-isport u nipprovdu opportunitajiet ħalli nħajru li jiġu Malta timijiet u kompetizzjonijiet internazzjonali.

71. Ninvestu fil-korsa taż-żwiemel tal-Marsa u ntejbuha għal livell internazzjonali.

72. Naraw li jkun hemm faċilitajiet sportivi moderni f'Marsaskala li jinkludu pixxina tal-waterpolo u ground tal-football biex jitgawdew miż-żgħażagħ, l-isportivi u r-residenti tal-inħawi.

73. Nagħtu appoġġ lill-għadis anke billi nwaqqfu l-ewwel eko-mużew ta' taħt il-baħar fil-Mediterran.

74. Naraw li r-rugby jingħata l-faċilità ta' ground dedikat għal dan l-isport.

75. Nagħtu spinta lil sport modern bħad-drone racing billi niffaċilitaw l-organizzazzjoni ta' attivitajiet kif ukoll billi ngħinu sabiex jinstabu spazji fejn dawn ikunu jistgħu jsiru.

*"Appoġġ finanzjarju lil organizzazzjonijiet fuq proġetti innovattivi li jkollhom fil-qofol tagħhom l-isport"*




# INIZJATTIVI BIEX INĦAFFU KULL TIP TA' TRASPORT

76. Nagħtu trasport pubbliku b'xejn lil dawk li għandhom student card.

77. Nagħmlu investiment bla preċedent f'network moderna u nadifa ta' trasport, mhux biss fis-sistema ġdida ta' metro, imma naraw ukoll li nintegraw u naġġornaw għas-seklu 21 is-sistemi kollha ta' trasport ta' pajjiżna: it-toroq, is-servizz tax-xarabank, servizzi ta' ferries, sistemi ta' trasport lokali ċirkolari, u infrastruttura dedikata għaċ-ċiklisti u dawk li jridu jimxu.

> *"Naġġornaw is-sistemi kollha ta' trasport pubbliku"*

78. Insaħħu l-infrastruttura għar-roti fit-triq u nagħmlu iktar bicycle lanes li jkunu sikuri għaċ-ċiklisti.

79. Inraħħsu iktar il-liċenzji u t-taxxa tar-reġistrazzjoni għall-karozzi, muturi u roti elettriċi, u muturi żgħar.



# ĦAJJA B'SAĦĦITHA

80. Nagħtu inċentivi fit-taxxa għal min iħaddem u jintroduċi programmi ta' fitness u saħħa għall-impjegati.

81. Nagħtu assistenza finanzjarja lil min isegwi taħriġ fl-ewwel għajnuna. Inniedu konsultazzjoni pubblika sabiex nfasslu liġi tas-Samaritan it-Tajjeb ħalli jkollna qafas legali li jipproteġi li min jagħti l-ewwel għajnuna.

82. Inniedu kampanja nazzjonali dwar is-saħħa sesswali u nikkummissjonaw app li tipprovdi aċċess faċli għal informazzjoni u servizzi f'dan il-qasam.

83. Niżviluppaw servizzi virtwali online għall-promozzjoni tas-saħħa li jkunu jinkludu komponenti interattivi bejn professjonisti u l-pubbliku.

84. Indaħħlu l-opportunità biex appuntamenti għal servizzi tas-saħħa relatati maż-żgħażagħ, bħad-dermatoloġija, is-saħħa sesswali u riproduttiva, u s-saħħa mentali, ikunu jistgħu jsiru b'mod elettroniku.

85. Nagħtu għajnuna finanzjarja lill-għaqdiet volontarji għal inizjattivi li jiffukaw fuq is-saħħa taż-żgħażagħ, inkluż għal proġetti dwar is-saħħa mentali u servizzi ta' appoġġ għaż-żgħażagħ.

86. Nistabbilixxu in patient wards għall-adolexxenti fl-isptarijiet, inkluż f'dak ġdid għas-saħħa mentali u fil-kliniċi għaż-żgħażagħ. Iż-żgħażagħ u l-adolexxenti jkunu ttrattati b'mod xieraq għall-età tagħhom permezz ta' servizzi u ħaddiema apposta għall-bżonnijiet tagħhom.



# DIPENDENZI: TRATTAMENT UMAN U DINJITUŻ LILL-VITTMI

87. Inniedu diskussjoni infurmata u bbażata fuq ir-riċerka xjentifika dwar ir-regolarizzazzjoni tal-marijuana. Titwaqqaf kummissjoni multidixxiplinarja ta' esperti biex tiddiskuti din il-kwistjoni mal-partijiet kollha interessati u biex tagħti r-rakkomandazzjonijiet tagħha, inkluż linji gwida dwar il-mod kif tista' sseħħ din ir-regolarizzazzjoni.

88. Nirrevedu u nevalwaw il-gwidi u l-programmi eżistenti dwar il-prevenzjoni tal-użu tad-droga fl-iskejjel biex naċċertaw li dawn jirriflettu b'mod adegwat is-sitwazzjoni reali. Fl-iskejjel u fil-komunità nsaħħu s-sessjonijiet ta' għarfien dwar l-abbuż ta' sustanzi (drogi, alkoħol u sigaretti) sabiex inħeġġu l-iżvilupp personali, l-assertività u l-istima fik innifsek.

89. Naraw li jkun hemm mobile clinics f'zoni ta' divertiment u waqt avvenimenti kbar li jkunu jistgħu jagħtu l-ewwel għajnuna lil individwi li jkunu qed ibatu mill-effett ta' xi sustanza. Dan apparti l-ambulanza standby u l-preżenza ta' aktar Pulizija.

90. Nindirizzaw b'urġenza l-problema tal-abbuż ta' sustanzi fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin sabiex inħarsu lill-priġunieri minn aktar abbuż.

91. Innaqqsu d-dewmien esaġerat fil-Qorti f'każi ta' droga sabiex persuna li tkun bdiet tirriforma ruħha ma terġax tħabbat wiċċha ma' każ preċedenti. B'hekk, persuna fit-triq tar-riabilitazzjoni ma terġax titqiegħed f'riskju ta' relapse.

92. Nirriformaw is-sistema preżenti biex, meta persuna vittma ta' droga li tmur il-ħabs tmur tagħmel programm ta' riabilitazzjoni, ma terġax tintbagħat lura l-ħabs jekk tkun temmet il-programm b'suċċess.

93. Nagħtu lill-Korp tal-Pulizija r-riżorsi meħtieġa sabiex il-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga terġa tibda tintrebaħ.

94. Inżidu aktar il-pieni għal min jittraffika d-droga.

95. Infasslu politika nazzjonali ġdida dwar il-konsum tal-alkoħol u dwar il-logħob tal-azzard wara konsultazzjoni mal-istakeholders kollha.

96. Infasslu politika nazzjonali ġdida dwar vizzji emerġenti (bħall-pornografija, l-internet, il-media soċjali u s-sess).

97. Flimkien mal-Università ta' Malta, u f'kollaborazzjoni man-National Focal Point, neżaminaw diversi alternattivi sabiex jiġi stabbilit ċentru jew istitut għall-istudju ta' mġiba vizzjuża (Centre/Institute for the Study of Addictive Behaviours) bil-għan li jkun żviluppat u mwettaq kurrikulu għal studji fil-livell post graduate f'dan il-qasam.

98. Noffru appoġġ lil aġenziji importanti fis-settur, bħall-Caritas u l-OASI, li huma protagonisti kruċjali fl-iżvilupp ta' servizzi ġodda.

> *"Meta persuna vittma ta' droga tagħmel programm sħiħ ta' riabilitazzjoni, ma terġax tintbagħat lura l-ħabs"*



# ĠUSTIZZJA GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ LI TIFFOKA FUQ IL-PREVENZJONI

99. Infasslu politika nazzjonali u pjan ta' azzjoni dwar il-ġustizzja ġuvenili li jkun jirrifletti l-bżonnijiet f'dan is-settur.

100. Insaħħu l-impenn fil-prevenzjoni tal-kriminalità fost iż-żgħażagħ permezz ta' numru ta' servizzi primarji, sekondarji u terzjari. Għal dan il-għan:

   a) nimmobilizzaw ir-riżorsi li hemm bżonn għal programmi alternattivi ta' rikreazzjoni li jagħmlu enfasi fuq l-entrepreneurship soċjali, kulturali u l-kreattività;

   b) Insaħħu programmi edukattivi formali u mhux formali (bħal Youth.Inc u ALPs) li huma mmirati lejn NEETs (żgħażagħ li ma jkunux fis-sistema edukattiva, f'impjieg jew f'taħriġ); u

   ċ) Insaħħu l-kapaċità għal xogħol fi ħdan aġenziji bħall-Aġenzija Nazzjonali taż-Żgħażagħ u SEDQA sabiex niżguraw li jintlaħqu żgħażagħ li jkunu kkommettew reat jew dawk li jinsabu f'riskju li jwettqu reat.

> *"Insaħħu l-impenn fil-prevenzjoni tal-kriminalità fost iż-żgħażagħ"*



*"Niftħu orizzonti ġodda għal pajjiżna – industriji ġodda, swieq ġodda, konnessjonijiet ġodda, ħiliet ġodda, opportunitajiet ġodda"*

Jien nagħżel

**Malta.**

ForzaNazzjonali.com